**22 ta' Jannar, 1992**

**Imħallfin: –**

**S.T.O. Prof. Giuseppe Mifsud Bonnici LL.D. – President**
**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.**
**Onor. Godwin Muscat Azzopardi B.A., LL.D.**

Anthony Cassar *et noe*

*versus*

Vincent Azzopardi

**Penali Konsegwenti għall-Ħruġ b'qerq ta' Mandat ta' Impediment tas-Safar – Danni mgħaxxijiet konsegwenti għal min joħroġ inġustament il-Mandat**

*L-artikolu 886 u 867 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili jagħmlu distinzjoni: l-art 866 jitkellem dwar il-penali komminabbli mill-Qorti fuq min jottjeni Mandat bil-qerq u jgħid li tali penali tista' b'ordni tal-Qorti tiġi mħallsa lill-persuna li kontra tagħha jew kontra l-bastiment tagħha l-mandat ikun ħareġ, barra minn kull azzjoni għal danni u mgħaxijiet.*

*L-artikolu 867 imbagħad jgħid illi fil-każijiet kollha li fihom mandat ta' impediment tas-safar jiġi ddikjarat bħala li ġie miksub inġustament, il-parti li tkun talbet il-ħruġ tal-mandat tista' tiġi mġiegħla tħallas id-danni u l-imgħax.*

*Minn din id-distinzjoni hu desumibbli li t-talba għal penali hi limitata a favur tal-persuna li kontra tagħha jew kontra l-bastiment tagħha l-mandat ikun ħareġ.*

Il-Qorti: –

Rat is-sentenza ppronunzjata mill-Onorabbli Qorti tal-Kummerċ fit-23 ta' Frar, 1990;

Peress li l-konvenut qiegħed jallega li għandu kreditu kontra *Sartard Limited*, u għalhekk huwa istitwixxa kawża quddiem din il-Qorti fl-ismijiet "Vincent Azzopardi *vs* Anthony Cassar u Dr. George Cassar LL.D. fil-kwalità tagħhom ta' Diretturi għan-nom u in rappresentanza tad-ditta *Sartard Limited*", Ċitazzjoni numru 729/88/MB;

Peress li l-konvenut fl-14 ta' Settembru 1989, talab u ottjena l-ħruġ ta' mandat ta' impediment ta' tluq tal-bastiment "*Kristos Marinovic*" numru 1982/89, fl-ismijiet "Vincent Azzopardi *vs* Anthony Cassar u Charles Cassar għan-nom u in rappresentanza ta' *Sartard Limited* in rappresentanza ta' l-iskrapp *vessel Kristos Marinovic* ta' tmien mitt tunnellata", dokument "A", u dan

biex jikkawtela kreditu tiegħu ammontanti għal tletin elf lira, kontra l-imsemmi bastiment u ġieb bħala kawżali pretensjoni għal daqstant mitluba mill-kreditur bħala kumpens dovut lilu għas-sehem tiegħu fis-*salvage* tal-vapur *Argonaftis* bejn is-16 u t-18 ta' Jannar 1985, liema kumpens kien dovut fis-17 ta' Diċembru 1986, liema pretensjoni tinsab dedotta b'ċitazzjoni numru 729/88/MB fl-ismijiet Vincent Azzopardi *vs* Anthony Cassar *et noe;*

Peress li l-konvenut fl-14 ta' Settembru 1989, ukoll talab u ottjena l-ħruġ ta' mandat ta' impediment ta' tluq tal-bastiment "*Sobros Lifter*" numru 1985/89, fl-ismijiet "Vincent Azzopardi *vs* Anthony Cassar u Charles Cassar għan-nom u in rappresentanza ta' *Sartard Limited* in rappresentanza tal-bastiment *Sorbros Lifter* bit-tunnellaġġ ta' sitt mija (*scrap vessel*)", dokument "B", u dan biex jikkawtela kreditu tiegħu ammontanti għal tletin elf lira, kontra l-imsemmi bastiment u ġieb bħala kawżali pretensjoni għal daqstant mitluba mill-kreditur bħala kumpens dovut lilu għas-sehem tiegħu fis-*salvage* tal-vapur *Argonaftis* bejn is-16 u t-18 ta' Jannar 1985, liema kumpens kien dovut fis-17 ta' Diċembru 1986, liema pretensjoni tinsab dedotta b'ċitazzjoni numru 729/88/MB fl-ismijiet Vincent Azzopardi *vs* Anthony Cassar *et noe;*

Peress li l-Qorti fit-18 ta' Settembru 1989, awtorizzat il-ħruġ ta' żewġ kontromandati numri 1992/89 u 1991/89, dokumenti "C" u "D", għall-mandati ta' impediment ta' tluq tal-bastimenti fuq imsemmija, u dan kif qalet din il-Qorti billi kuntrarjament għal dak li jingħad fil-mandat il-pretensjoni mhix dedotta;

Peress li b'żewġ ittri uffiċjali tal-15 ta' Settembru 1989, l-attur Anthony Cassar bħala direttur għan-nom u in rappresentanza ta' *Cassar Enterprises Limited,* u l-attur Joseph Urpani, infurmaw lill-konvenut li huma kienu rispettivament il-proprjetarji tal-bastimenti *Sabros Lifter* u *Kristos Marinovic,* u interpellawh biex jirtira l-mandati kollha u ddiffidawh milli jieħu kull azzjoni oħra li b'xi mod tista' timmolestahom fil-pussess paċifiku ta' l-imsemmija bastimenti, dokumenti "E" u "F";

Peress li nonostante dan kollu l-konvenut fl-20 ta' Settembru 1989, reġa' talab il-ħruġ ta' żewġ mandati ta' impediment ta' tluq tal-bastimenti fuq imsemmija għall-istess kreditu u fuq l-istess kawżali, u ottjena l-ħruġ ta' l-istess mandati numri 2057/89 u 2058/89, dokumenti "G"u "H", peress li r-Reġistratur li ffirmahom ma kienx edott mill-fatti u l-konvenut ħallih fil-għama;

Peress li ma kienx il-każ li jerġa' jintalab il-ħruġ ta' dawn iż-żewġ mandati u għalhekk anke għal dan l-aħħar żewġ mandati l-Qorti awtorizzat il-ħruġ ta' kontromandati opportuni numri 2068/89 u 2067/89, dokumenti "I" u "J";

Peress li dan l-atteġġament tal-Konvenut juri qerq da parti tiegħu fit-talba għall-ħruġ tal-mandati numri 2057/89 u 2058/89, sija għaliex hu ma għandu l-ebda azzjoni *in rem* kontra l-bastimenti msemmija, kemm għaliex dawn il-bastimenti m'humiex ta' l-allegat debitur tiegħu *Sartard Limited,* u b'dan kollu qed jippersisti u kompla jippersisti anke wara billi hu għat-tielet darba reġa' talab il-ħruġ ta' mandati oħra simili anke qabel ma ġew maħruġa l-kontromandati relattivi;

Peress li b'hekk il-konvenut irrenda ruħu suġġett għall-ħlas

ta' penali li tiffissa din il-Qorti kif jiddisponi l-artikolu 866 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12);

Jgħid il-konvenut għaliex din il-Qorti m'għandhiex:

(1) tiddikjara li l-konvenut kiseb il-ħruġ tal-mandati numri 2057/89 u 2058/89 b'qerq;

(2) tillikwida l-penali f'somma ta' mhux anqas minn mitejn u ħamsin lira; u

(3) *tikkundanna lill-konvenut iħallas is-somma hekk* likwidata lill-atturi, salva kull azzjoni għad-danni u mgħaxijiet;

Bl-ispejjeż kontra l-konvenut li huma minn issa nġunt għas-subizzjoni;

Il-konvenut eċċepixxa illi:

1. Preliminarjament, l-irritwalità ta' dawn il-proċeduri peress illi l-Mandati numri 2057/89 u 2058/89 ma nħarġux kontra l-atturi jew xi ħadd minnhom u ħadd minnhom, għalhekk, ma għandhomx interess ġuridiku jew *'locus standi'* jippromuovu din il-kawża;

2. Preliminarjament ukoll, l-eċċipjenti f'kull każ ma għandu ebda relazzjoni ġuridika ma' l-atturi Anthony Cassar u Charles Cassar għan-nom u in rappresentanza ta' *Cassar Enterprises Limited*, u lanqas ma' Joseph Urpani, u għandu għalhekk jiġi lliberat mill-osservanza tal-ġudizzju fil-konfront tagħhom;

3. Illi l-eċċipjenti ma aġexxiex b'qerq, iżda biex jikkawtela l-pretensjonijiet tiegħu għall-ħlas tas-somma li tiġi eventwalment illikwidata favur tiegħu minn din l-Onorabbli Qorti fil-kawża minnu stitwita kontra d-ditta *Sartard Limited* (Ċitazzjoni numru 729/88/MB);

4. Illi Mandat ta' Impediment ta' partenza ta' bastiment mhux meħtieġ li jinħareġ in kawtela ta' azzjoni *'in rem'* u, f'kull każ, din hi kwistjoni legali li bl-ebda mod ma tista' turi li l-eċċipjent aġixxa b'qerq; lanqas ma ttieħdu l-proċeduri relattivi biex jiġi ppruvat li l-bastimenti mhumiex proprjetà tad-debitur ta' l-eċċipjenti, u fin-nuqqas ta' proċeduri appożiti minn min jidhirlu li għandu nteress, l-eċċipjenti kien ġustifikat jaġixxi, inkawtela tal-pretensjonijiet tiegħu, fuq bċejjeċ li, kif anke jidher mill-atti tal-Mandat ta' Qbid numru 1663/89, huma proprjetà tad-debitur ta' l-eċċipjenti u taħt il-ġurisdizzjoni ta' dina l-Onorabbli Qorti;

5. Illi, f'kull każ, l-eċċipjenti ma kellu ebda intent doluż fil-ħruġ tal-Mandati, u hu dejjem aġixxa bi sforz ġenwin biex jikkawtela l-interessi tiegħu;

Il-Qorti jidhrilha li l-aħjar mod li tittratta din il-vertenza huwa li tinvesti, waħda wara l-oħra; l-eċċezzjonijiet tal-konvenut:

1. L-ewwel eċċezzjoni topponi d-diffikultà illi l-mandati in kwistjoni ma ħarġux kontra l-atturi jew xi ħadd minnhom, u ħadd minnhom, għalhekk, ma għandu interess ġuridiku – anzi – *locus standi,* f'dan il-ġudizzju;

Il-mandat numru 2057/89 il-konvenut ottjenih kontra

Anthony Cassar u Charles Cassar għan-nom u in rappresentanza ta' l-*iskrapp vessel Kristos Marinovic* ta' tmien mitt tunnellata, waqt li l-mandat numru 2058/89 sar kontra Anthony Cassar u Charles Cassar għan-nom u in rappresentanza ta' *"scrap vessel"* – *Sabros Lifter* b'tunnellaġ ta' sitt mija. Iż-żewġ mandati kienu għall-impediment tas-safar ta' bastiment;

(a) Huwa ċar illi mandat ta' impediment ta' safar ta' bastiment, jolqot dejjem u ċertament lis-sid ta' dak il-bastiment u lilu għalhekk jirreka danni li jistgħu jkunu ġustifikati jew inġustifikati;

Mhuwiex ikkontestat li l-bastiment *Kristos Marinovic* huwa l-proprjetà ta' l-attur Joseph Urpani u l-bastiment *Sobros Lifter*, huwa l-proprjetà tas-soċjetà attriċi Cassar *Enterprises Limited*. Għalhekk dawn l-atturi għandhom interess ġuridiku dirett u effiċjenti li l-liġi tgħatihom id-dritt ta' azzjoni għad-danni u fil-konfront tagħhom l-ewwel eċċezzjoni m'għandha ebda konsistenza;

(b) Invece, ma jidhirx li l-istess jista' jingħad rigward il-preżenza fil-kawża, bħala attriċi, tas-soċjetà *Sartard Limited*, u fil-konfront tagħha l-eċċezzjoni tidher li jistħolqqilha li tiġi akkolta u din is-soċjetà, a bażi tal-kawżali taċ-ċitazzjoni, ma jidhirx li għandha xi dritt ta' azzjoni. Dak li għamel il-konvenut kontra din is-soċjetà fil-mandati l-oħra msemmija fiċ-ċitazzjoni ma jiġġustifikawx il-presenza tagħha f'kawża fuq iż-żewġ mandati impunjati li fihom m'għandhiex interess;

2. It-tieni eċċezzjoni tippretendi li l-konvenut m'għandu l-ebda relazzjoni ġuridika ma' Cassar *Enterprises Limited* u ma'

Joseph Urpani. Imma dan huwa żbaljat, – kif għadu kif intqal fil-paragrafu preċedenti, ir-relazzjonijiet ġuridiċi ma' dawk il-persuni ħoloqhom il-konvenut stess meta talab u ottjena l-ħruġ kontra tagħhom tal-mandati in kawża;

3. Fit-tielet eċċezzjoni, il-konvenut jgħid li huwa ma aġixxiex b'*qerq u fittex biss li jikkawtela* d-drittijiet tiegħu fil-konfront ta' *Sartard Limited*. Rigward il-qerq tal-konvenut li qegħdin jallegaw l-atturi, dan se jiġi ttrattat bħala parti mir-raba' eċċezzjoni. Hawn jista' jiġi rrimarkat li ma ġiex spjegat lill-Qorti kif il-konvenut bil-mandati in kwistjoni ried jikkawtela d-drittijiet tiegħu fil-konfornt ta' *Sartard Limited* li huwa jikkonsidra bħala d-debitriċi tiegħu, meta l-istess mandati mhumiex diretti kontra din id-debitriċi, imma kontra Anthony Cassar u Charles Cassar in rappresentanza taż-żewġ bastimenti msemmija – waqt li *Sartard Limited* ma tissemma xejn;

4. Ir-raba' eċċezzjoni hija kontra l-qerq li l-attur jattribwixxu lill-konvenut;

Il-liġi tipprovdi hekk:

"(1) jekk jinsab li l-mandat ta' impediment tas-safar ġie *miksub mir-rikorrent fuq talba magħmula b'qerq, huwa jiġi* kkundannat għall-ħlas ta' penali f'somma li tiffissa l-Qorti, skond iċ-ċirkostanzi;

(2) f'dak il-każ, il-Qorti tista' tordna li l-penali tiġi mħallsa **lill-persuna li kontra tagħha, jew kontra l-bastiment tagħha,** jew biċċa oħra tal-baħar, il-mandat ikun ħareġ, barra minn kull azzjoni għad-danni u mgħaxijiet;

(3) Il-penali f'ebda każ m'għadha tkun anqas minn mitejn u ħamsin lira (Lm250) – artikolu 866 – Kap. 12";

Il-liġi tuża' żewġ vokabboli differenti biex tiddistingwi bejn żewġ tipi ta' mandati llegali – dawk li ssejħilhom li nkisbu nġustament (artikolu 867 Kap. 12) u dawk li nkisbu b'qerq (artikolu 866 Kap. 12). Dawn ta' l-aħħar jipprovokaw azzjonijiet kemm **għad-danni** kif ukoll **għall-penali** waqt li ta' l-ewwel huma limitati għad-danni u l-interessi biss – ara l-imsemmi artikolu 867;

Din mhix is-sede adatta li fiha l-Qorti għandha teżamina liema huma l-każijiet kollha ta' qerq u liema huma dawk li huma sempliċement inġusti. Se jsiru biss konsiderazzjonijiet illustrattivi u dawk li huma strettament neċessarji għall-vertenza;

Hekk, bħala eżempju, jidher illi meta wara mandat, id-debitur joħroġ ċitazzjoni biex jitlob garanzija kontra l-kreditur, billi l-artikolu 868 Kap. 12 jikkontempla li l-garanzija għandha tkun tajba għall-ħlas tal-**penali**, tad-danni u l-imgħaxijiet, u mhux ta' dawn ta' l-aħħar biss; dan jindika li l-fatt stess li ssir dik iċ-ċitazzjoni u l-kreditur jibqa' jinsisti fuq il-mandat tiegħu – jekk dan jirriżulta li kien ħareġ ħażin, il-fatt li l-kreditur ġie poġġut ġudizzjarjament in dolo, bil-fatt stess taċ-ċitazzjoni; u dan għaliex altrimenti l-Qorti, f'dik il-kawża, biex tiffissa l-garanzija kollha tinvesti l-kwistjoni jekk il-mandat kienx inħareġ **dolożament** jew sempliċement **inġustament** għaliex l-ammont tal-garanzija jvarja skond il-każ. Jekk ċjoè, għandu barra d-danni u l-interessi għandhiex tikkomprendi wkoll penali;

Fil-każ preżenti, il-konvenut ħareġ żewġ mandati ta'

impediment tas-safar kontra żewġ bastimenti – numru 1982/1989 u 1985/1989 – fl-14 ta' Settembru 1989 u erbat ijiem wara fit-18 ta' Settembru 1989, sab iż-żewġ mandati rrevokati – 1991/89 u 1992/89 billi "kuntrarjament għal dak li ngħad il-mandati l-pretensjoni ma kinitx dedotta" fil-kawża minnu kkwotata;

Fil-każ taż-żewġ mandati in kawża – li bihom, il-konvenut ipprova fl-20 ta' Settembru, 1989, jissuplixxi għal dak li kien ġralu jumejn qabel bil-kontro mandati msemmija – 1991/89 – 1992/89 – il-kontro-mandati segwew anki aktar rapidament għaliex f'**jumejn** – fit-22 ta' Settembru 1989 difatti, il-mandati spiċċaw kontromandati 2067/89 u 2068/89;

In-nuqqasijiet tal-konvenuti kienu dawn: –

(a) Il-mandati ma ħarġux kontra s-soċjetà *Sartard Limited* li l-konvenut jikkonsidra bħala d-debitriċi lejh, imma kontra persuni oħra li kontra tagħhom m'għandux pretensjonijiet dedotti f'kawża. Dan l-atteġġjament, f'dal-preżenti ċirkostanzi, jikkwalifika bħala doluż, u mhux sempliċement inġust, għaliex mhuwiex effett ta' xi ekwivoku jew inavvertenza;

(b) La kien hemm il-mandat ta' Qbid numru 1663/89 li kien ħareġ, fit-2 ta' Awissu 1989 u bih kienu nqabdu ż-żewġ "bastimenti" msemmija – esibit mill-itess konvenut – dokument Q – rikonjizzjoni – (artikolu 303 Kap. 12) – kienet tkun biżżejjed biex jikkawtela d-drittijiet tiegħu. Kulħadd huwa obbligat li ma jeċċedix fl-eżerċizzju ta' l-implimentazzjoni tad-drittijiet tiegħu, u jrid jillimita d-danni li jirreka lid-debitur. Dan qed jingħad għaliex il-konvenut jippretendi li kien ġustifikat f'dak

li għamel għaliex kien qed jipprova jikkawtela l-kreditu tiegħu; – għaliex naturalment il-Qorti diġà qalet li ma jistax ikun hemm din il-ġustifikazzjoni meta d-debitur mhuwiex milqut mill-mandat;

Billi l-mandati dolużi damu in vigore **jumejn** biss, il-penali li l-Qorti tħoss li tista' tinfliġġi għandha tkun fl-ammont minimu impost mil-liġi;

Għaldaqstant il-Qorti – wara r-riġett ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut kif intqal – ħlief għall-ewwel eċċezzjoni, li hija akkolta, inkwantu *Sartard Limited* m'għandhiex dritt għall-azzjoni minnha eżerċitata, – tilqa' t-tliet talbiet ta' l-atturi l-oħra, tiffissa l-penali fl-ammont ta' mitejn u wieħed u ħamsin lira (Lm251) skond dak li hemm provvdut fl-artikolu 866(3) Kap. 12, lil kull wieħed mill-atturi l-oħra u tikkundanna lill-konvenut li jħallas dawn il-penali lil kull wieħed mill-atturi – Cassar *Enterprises Limited* u Joseph Urpani – flimkien ma' żewġ terzi ta' l-ispejjeż tal-kawża u *Sartard Limited* trid tbati t-terz l-ieħor;

Rat in-nota ta' l-appell tal-konvenut tat-2 ta' Marzu, 1990;

Rat il-petizzjoni ta' l-appell tal-konvenut Vincent Azzopardi tas-7 ta' Mejju 1990 li fiha l-konvenut issottometta illi fl-ewwel lok, l-esponenti jixtieq jagħmilha ċara li hu se jitlob ir-riforma tas-sentenza appellata fis-sens li tiġi kkonfermata f'dik il-parti fejn it-talbiet fil-konfront ta' l-atturi Anthony Cassar u Charles Cassar għan-nom u in rappresentanza ta' *Sartard Limited* ġew miċħuda u anke f'dik il-parti fejn l-istess atturi *nomine* ġew akkoljati b'terz mill-ispejjeż ta' din il-kawża, u mħassra u rrevokata għall-bqija (fejn ġew milqugħa t-talbiet fil-konfront

*ta' l-atturi l-oħra*);

Illi apparti l-kwistjoni ta' l-intent doluż ta' l-esponenti jidher li s-sentenza, bir-rispett kollu, hi żbaljata anke fuq bażi ta' fatt. L-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut hi fis-sens li d-domandi ta' l-atturi huma rritwali peress li l-Mandati in kwistjoni ma nħarġu kontra ħadd minnhom, u ħadd minnhom, għalhekk, ma għandu interess ġuridiku jew *'locus standi'* jippromuovi din il-kawża. Fil-fatt, l-ewwel Onorabbli Qorti laqgħet din l-eċċezzjoni limitatament għall-atturi *Sartard Limited*, iżda ċaħditha għall-kumplament ta' l-atturi, avolja **ħadd** mill-atturi ma huwa ntimat fl-imsemmi Mandati. Jekk dik l-eċċezzjoni kellha tiġi akkolta fil-konfront ta' *Sartard Limited*, kellha tiġi milqugħha wkoll fil-konfront ta' l-atturi l-oħra għax il-posizzjoni tagħhom hi l-istess;

*Omissis;*

Ikkunsidrat:

Illi l-Qorti tal-Kummerċ laqgħet l-eċċezzjoni tal-konvenut appellant fis-sens illi d-domandi ta' l-atturi huma rritwali peress illi l-mandati in kwistjoni ma nħarġu kontra ħadd minnhom, iżda din l-eċċezzjoni ntlaqgħet limitatament għall-atturi *Sartard Limited* biss. Il-Qorti ġġustifikat tali distinzjoni fuq il-bażi li filwaqt illi Joseph Urpani u Cassar *Enterprises* huma l-proprjetarji tal-vapuri li fuqhom saru l-mandati, *Sartard Limited* ma kellha l-ebda konnessjoni mal- mandati;

L-ewwel aggravju ta' l-appell huwa proprju marbut ma' dan – billi l-konvenut appellant isostni li l-istess eċċezzjoni kellha tapplika għall-atturi kollha u dan għal żewġ motivi – l-ewwel

illi peress illi l-kawża hija talba għal penali, il-kawża setgħet issir biss mill-persuna jew persuni li kontra tagħha nħareġ il-mandat u t-tieni, illi ma nġabet ebda prova li l-atturi huma l-proprjetarji tal-bastimenti relativi;

Dwar l-ewwel motiv – ħarsa lejn ir-riżultanzi turi illi l-konvenut jallega kreditu kontra *Sartard Limited* – kreditu li hu pprova jiġġustifika b'ċitazzjoni apposita. Fil-mori ta' tali kawża huwa ħareġ mandati kontra *Sartard Ltd.* In rappresentanza tal-vapur *Kristos Marinovic* u tal-vapur *Sobros Lifter.* Dawn ġew kontro-mandati u saru żewġ mandati oħra kawtelatorji kontra Joseph Urpani għall-vapur *Kristos Marinovic* u kontra Cassar *Enterprises Ltd.* għall-vapur *Sobros Lifter;*

L-artikolu 866 u 867 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili jagħmlu distinzjoni li dwarha tittratta l-kawża ċitata mill-konvenut fil-petizzjoni tiegħu. L-artikolu 866 jitkellem dwar il-penali komminabbli mill-Qorti fuq min jottjeni mandat bil-qerq u jgħid li tali penali tista', b'ordni tal-Qorti, tiġi mħallsa lill-persuna li kontra tagħha, jew kontra l-bastiment tagħha, il-mandat ikun ħareġ, barra minn kull azzjoni għad-danni u l-imgħaxijiet;

L-artikolu 867 imbagħad, jgħid illi fil-każijiet kollha li fihom mandat ta' impediment tas-safar jiġi ddikjarat bħala li ġie miksub inġustament, il-parti li tkun talbet il-ħruġ tal-mandat tista' tiġi imġiegħla tħallas id-danni u l-imgħax;

Minn din id-distinzjoni, wieħed jiddesumi illi t-talba għal penali hi limitata a favur tal-persuna li kontra tagħha jew kontra l-bastiment tagħha l-mandat ikun ħareġ;

ma tistax għalhekk titlob il-penali, għax mhix milquta mill-mandati;

Għandha d-dritt titlob dikjarazzjoni li l-mandati nħarġu b'*qerq, però ma* għandhiex imbagħad id-dritt tippretendi l-penali. Għalhekk ma jistax jingħad, kif qalet l-ewwel Qorti li *Sartard Limited* ma kellhiex interess ġuridiku tagħmel il-kawża, imma jista' jingħad li din ma tistax issostni, flimkien ma' l-atturi l-oħra, l-aħħar żewġ talbiet;

Kwantu għat-tieni eċċezzjoni u ċjoè *dik illi l-konvenut* ma għandux relazzjoni ġuridika ma' l-attur Cassar, il-konvenut kien sibilliku fl-eċċezzjoni u ma spjegax x'ried ifisser, però fil-petizzjoni ta' l-appell iddikjara li b'dan ried jallega li Cassar ma ppruvawx li huma l-proprjetarji tal-vapur in kwistjoni;

Din hija eċċezzjoni fondata fuq il-wiċċ tost. Jiena nagħmillek mandat u meta tirreaġixxi ngħidlek li ma għandekx relazzjoni ġuridika miegħi. Jekk ma kienx hemm relazzjoni qabel, din ċertament ikkrejaha l-konvenut stess;

It-tielet *eċċezzjoni, li* ġustament il-Qorti tal-Kummerċ rabtet mar-raba' waħda, tirrigwarda l-qerq allegat mill-atturi fil-ħruġ tal-mandati. Mill-kumpless tal-provi prodotti, partikolarment tal-mod kif saru l-mandati preċedenti għal dawk in kwistjoni jemerġu n-nuqqasijiet li l-Qorti tal-Kummerċ elenkat fl-aħħar parti tas-sentenza tagħha, din il-Qorti ma tara ebda argument dedott fil-petizzjoni ta' l-appell li jista' jinduċiha tvarja d-deċiżjoni appellata f'dan ir-rigward;

Għal dawn il-motivi, il-Qorti tiddisponi mill-appell tal-

konvenut u mill-appell inċidentali ta' l-atturi *Sartard Limited,* billi tiċħad dak tal-konvenut u tilqa' l-appell inċidentali limitatament għall-ewwel talba taċ-ċitazzjoni;

Konsegwentement tirriforma s-sentenza appellata billi waqt li tikkonfermaha fil-mertu, tvarja biss il-kap ta' l-ispejjeż liema spejjeż għandhom jinqasmu kwantu għal tlett kwarti a karigu tal-konvenut u kwantu għal kwart a karigu ta' *Sartard Limited,* attriċi.